MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 99/2015/1

L-Avukat Dottor Ivan **SAMMUT** bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera *Woodchester Valley Vineyard Limited*

vs

**WINETAILORS LIMITED (C – 35385**), Edric Bonello u Anne Bonello, mart Edric, għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-22 ta' Jannar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent *nomine* talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati "milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari" (a) l-fond appartament bin-numru intern

wieħed ittra Ċ (1Ċ), li jagħmel minn blokka ta' appartamenti li ġġib l-isem ta' Block "Ċ" f'binja bl-isem ta' "*Manor Court*", fi Triq it-Turisti, Qawra, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, flimkien mal-użu tal-partijiet jew ambjenti komuni mal-appartamenti l-oħrajn tal-istess blokka u tas-servizzi komuni kollha tagħhom; (b) il-garaxx fil-livell tal-*lower basement* internament markat bħala livell numru wieħed (1) liema garaxx iġib in-numru erbgħa u erbgħin (44) liema remissa tagħmel mill-binja bl-isem ta' "*Manor Court*" fuq imsemmija; u (ċ) il-fond bl-arja ħielsa tiegħu flimkien mar-remissa sottoposta għalih bl-isem ta' "*Villa Sunrise*", f'numri mitejn u tmienja u tletin (238) u mitejn u erbgħin (240), Triq Sliema, San Ġwann, u dan b'ħarsien għall-pretensjoni ta' kreditu fis-somma ta' mija u tlitt elef mija u erbgħa u disgħin euro u tlettax-il ċenteżmi (€ 103,194.13) jew l-ekwivalenti tagħha f'denominazzjoni ta' Lira Sterlina bħala "ammont dovut konsegwenti għal frodi kommess fil-kuntest ta' kuntratt ta' appalt";

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2015, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat it-Tweġiba maħlufa mressqa mill-intimati fid-9 ta' Frar, 2015, li biha laqgħu għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat billi, qalu li safejn it-talba tmiss lill-intimati miżżewġin Bonello, mhumiex il-kontradittturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-kumpannija rikorrenti, u dan għaliex kull rabta li seta' kien hemm kien bejn l-istess kumpannija rikorrenti u l-kumpannija intimata u mhux magħhom personalment. Iqisu li t-talba għall-mandat fil-konfront tagħhom hija maħsuba biss biex iddejjaqhom u tivvesahom. Laqgħu wkoll billi qalu li ma jeżistux ir-rekwiżiti biex din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent *nomine* waqt is-smigħ tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2015[1], li bih ordnat li jsiru arranġamenti biex isir il-kontro-eżami tax-xhud Fiona Shiner dwar ix-xhieda mogħtija fl-affidavit tagħha mehmuż mn-Nota mressqa fil-11 ta' Frar, 2015, u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-imsemmija xhud;

Rat ix-xhieda mogħtija minn Fiona Shiner waqt is-seduta tat-23 ta' Frar, 2015[2];

[1] Paġ. 203 tal-atti
[2] Paġġ. 206 sa 217 tal-atti

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-3 ta' Marzu, 2015, f'liema data l-Qorti ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi bis-saħħa ta' ftehim magħmul fl-10 ta' Mejju, 2013[3], bejn il-kumpannija rikorrenti u l-kumpannija intimata, din tal-aħħar intrabtet li tagħti servizzi b'rabta maż-żamma ta' oqsma fejn isir it-tkabbir tad-dwieli proprjeta' tal-kumpannija rikorrenti. Wara li sar dan il-ftehim, saru ftehim oħrajn li jissupplementaw jew li jaġġornaw l-ewwel ftehim[4];

Tqis li l-intimat Edric Bonello, fiż-żmien relattiv, kien l-azzjonist waħdieni tal-kumpannija intimata u li fl-istess żmien, l-istess kumpannija ma kellhiex u la diretturi oħra u lanqas segretarju[5];

Tqis li l-fond li dwaru r-rikorrenti ressqet it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat huwa ġid personali tal-intimati miżżewġin Bonello;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti qiegħda tixli lill-intimati, jew lil min minnhom, bi frodi fit-twettiq tal-ftehim li kien sar bejniethom, u nediet proċeduri b'Rikors Maħluf quddiem il-Qrati Maltin biex tiġbor lura l-flejjes li ħallset u dwar xiljiet ta' frodi min-naħa tal-istess intimati[6];

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-elementi mitluba mill-għamla ta' Mandat li r-rikorrent *nomine* talab li jinħareġ, il-pretensjonijiet tiegħu joħorġu ċari mid-dokumenti mressqa minnu, b'mod partikolari dak li juri x'inhi l-pretensjoni dedotta mill-kumpannija rikorrenti kontra t-tliet intimati[7];

Tqis li l-liġi ma titlobx li pretensjoni bħal dik trid tkun diġa' tagħmel minn xi proċeduri ġudizzjarji jew kawża dwar dik l-istess pretensjoni: għalkemm il-ħruġ tal-Mandat jitlob naturalment li dawk il-proċeduri jew

---

[3] Dok "A", f'paġġ. 38 sa 45 tal-atti
[4] Affidavit ta' Fiona Shiner f'paġġ. 29 – 30 tal-atti
[5] Dok "Ċ", f'paġ. 165 tal-atti
[6] Rik. Nru. 121/15LM imqegħda għas-smigħ għat-18.3.2015
[7] Dok "A", f'paġġ. 16 sa 27 tal-atti

dik il-kawża mbagħad jitressqu fiż-żmien li tagħti l-liġi. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ir-rikorrent *nomine* fetaħ il-kawża bil-pretensjonijiet li jrid iħares bil-ħruġ ta' dan il-Mandat fil-11 ta' Frar, 2015, u jiġifieri fil-mori tas-smigħ ta' din il-proċedura;

Tqis dwar jekk il-kumpannija rikorrenti għandhiex il-jedd mad-daqqa t'għajn li titlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub;

Tqis li, fil-każ tal-lum, il-pretensjonijiet huma espressament kwantifikati u jaqbżu l-ammont preskritt mil-liġi;

Tqis ukoll li l-kumpannija rikorrenti fetħet il-kawża (ta' frodi) kontra t-tliet intimati imsemmija fl-atti ta' dan il-Mandat;

Tqis għalhekk li r-raġunijiet li ressqu l-intimati u s-sottomissjonijiet magħmulin quddiem il-Qorti mill-għaref avukat difensur tagħhom, filwaqt li jista' jkollhom is-siwi tagħhom fi stadju ieħor waqt is-smigħ tal-kawża, ma tantx jiswew biex ixejnu l-jedd mad-daqqa ta' għajn li jintalab u jinkiseb il-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll dwar jekk l-intimati miżżewġin Bonello humiex jew le il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-kumpannija rikorrenti jew jekk għandhomx iwieġbu għax-xiljiet tal-istess kumpannija fil-konfront tagħhom;

Illi bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie*, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu;

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent "kreditur" u mhuwiex maħsub milli jżomm lis-sid mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli (jibqa') jużah;

Tqis li l-ġid li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Mandat huwa tabilħaqq ġid tal-intimati miżżewġin Bonello, ukoll jekk għadu mgħobbi b'xi djun favur Bank. Il-fatt li għad hemm xi ipoteka favur l-istess Bank ma għandu jkun tal-ebda xkiel biex talba bħal din tal-lum tista' tintlaqa';

Tqis li din iċ-ċirkostanza ssedda l-element tal-ħtieġa li r-rikorrenti trid turi biex titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, għalhekk u kif ingħad qabel, l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati huma ta' xejra tali li ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti f'din il-proċedura, għaliex jitolbu stħarriġ mill-Qorti li quddiemha 'l quddiem sejjer jinstema' l-każ u li dwaru għadha ma ngħatat l-ebda sentenza li tagħmel ġudikat bejn il-partijiet;

Tqis, għalhekk, li jirriżultaw l-elementi ewlenin mitluba mil-liġi biex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub mir-rikorrent *nomine*;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti** għall-ħruġ tal-Mandat;

**Taħtar**, għall-finijiet tal-artikolu 874(3) u bi spejjeż għar-rikorrent, lin-Nutar Cory Greenland biex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet; u

Tordna li l-intimati jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------